MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 121/2005

Kawza fil-lista: 27

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Premess illi l-kontendenti A B u C nee Manicaro kienu kkontrattaw zwieg bejniethom fl-14 ta’ Frar, 1974: Dok ‘A’.

Premess illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, u/jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif ser ikun ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Premess illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizjat peress li kien inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew dritt ghall-att ta' zwieg liema att taz-zwieg qatt ma sar bejn partijiet.

Peress illi ser jirrizulta simulazzjoni tal-kunsens tant li dan kien kompletament ivvizzjat u/jew sar bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg.

U ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ai termini ta' l-artikoli rilevanti skond l-Att XXXVI tal-1975 li jirregola z-zwigijiet.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti debitament ikkontrattat fl-14 ta' Frar, 1974 huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u taghti dawk il-providementi kollha l-ohra illi jkunu opportuni f'dan ir-rigward.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa biex jixhed in subizzjoni.

Rat li l-konvenuta debitament ingunta baqghet kontumaci;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur u l-lista tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Kwadru tal-fatti**

Mill-kumpless tal-provi ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti. Illi l-partijiet kienu zzewwgu fil-14 ta' Frar 1974 wara li kienu ilhom johorgu flimkien circa hames snin. Dak iz-zmien l-attur kellu 20 sena u l-konvenuta kellha 21

sena. Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt it-tfal. Fis-19 ta' Mejju 2000 il-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni wara li kienu ilhom jghixu flimkien 19 il-sena.

Mill-provi rrizulta manifest li dan iz-zwieg ma rnexxhiex minhabba diffikultajiet li zviluppaw matul iz-zwieg, bazikament minhabba li spiccat l-imhabba bejn il-konjugi, bir-rizultat ta' litigji u incidenti kontinwi bejniethom, u anke relazzjonijiet extra maCli da parti tal-attur li, kif stqarr huwa stess kien ifittex nisa ohra.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja li z-zwieg tieghu kkuntrattat mal-konvenuta fl-14 ta' Frar 1974 huwa null fil-ligi in bazi ghal dak li hemm kontemplat fil-paragrafi [d] u [f] tal-Artikolu 19[1] tal-Kap.255. Jirrizulta wkoll li l-konvenuta qed taderixxi ma din it-talba sahansistra fid-deposizzjoni taghha tghid lil Qorti "Jien nghid ghalija taghmillli pjacir jekk taghddijulna [l-annullament]" [fol.56].

Illi rigward l-ewwel kawzali, l-attur isostni li l-kunsens "tal-partijiet" kien ivvizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tieghu.

In propositu gie osservat fil-kawza *"App.C. Joseph Spiteri vs George Spiteri [*Vol.LXXXV.II.81]* illi: "Jinsab assodat fil-gurisprudenza li jkun hemm difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kemm-il darba jirrizulta li, fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens, parti jew ohra, tkun priva b' mod sostanzjali, ossia "gravi", minn dik il-fakolta' kritiko–estimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg; jew minn dik il-matuC' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Ghalhekk difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju mhux semplicement nuqqas ta' hsieb, jew nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizzjonijiet zbaljati [infatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettamet kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju – *PA [21.11.1995] Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri]*

Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju kif ravvizat fl-artikolu 19[1][d] irid ikun hemm l-inkapacita’ psikika [mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku] jew kostituzzjonali li wiehed jagharaf u jirrifletti u li jiddecidi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali”

Konformament mal-premess sabiex l-azzjoni attrici tirnexxi fuq din il-kawzali, jehtieg li jigi provat sodifacentement li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens , il-partijiet jew wiehed minnhom, kien affett minn difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja matrimonjali u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali li din timporta. “In altri termini e’ necessaria la discrezione non tanto per l’ atto in se al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell’atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro.” *[Bersini -citat fil-kawza PA Angela Spiteri Selvaggi vs Joseph Spiteri deciza 4.11.1994]* L-obbligazzjonijiet essenzjali fil-hajja matrimonjali huma bazati fuq il-kuncett ta’ unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbli diretta ghal komunjoni ta’ hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta’ l-ulied. Din il-kapacita’ li jassuma dawn l-obbligi ghandha tezisti fiz-zewg partijiet. *[PA Charles Atkins vs Matilde Atkins deciza 2.10.2003].*

Il-premess, applikat ghall-fatti tal-kaz in disamina, iwassal ghall-konkluzjoni li din il-kawzali ma tinsabx sostnuta mill-provi. Ma jirrizultax provat li qabel iz-zwieg u senjatament, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens l-attur jew il-konvenuta kienu inkapacitati minn difett serju ta’ diskrezzjoni fit-termini tal-artikolu precitat. Mill-provi rrizulta li qabel ma zzewgu dawn kienu ilhom gharajjes circa hames [5] snin.

F’ dan il-kaz jidher li wara z-zwieg ir-relazzjoni bejn il-partijiet zviluppat difficultajiet li wassluhom ghal separazzjoni personali, inkluzi relazzjonijiet adulteri anke sporadici da parti ta’ l-attur; izda dawn il-problemi, ghalkemm jistghu iservu ta’ bazi ghal separazzjoni personali, ma jwasslux per se ghan-nullita’ taz-zwieg bazat fuq il-kawzali in disamina. Hija applikabbli ghal kaz l-osservazzjoni maghmula minn din il-Qorti fil-kawza *PA*

*MaC Schembri vs Emanuel Schembri deciza 9.04.2003* fis-sens li ghandha issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw [jizviluppaw] waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax xi wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta l-kunsens tieghu, kien gja mentalment dispost li ma jottemperax ruhu ma xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghal separazzjoni , u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi ta' l-annullament.

In fine fuq din il-kawzali, il-Qorti tosserva li l-allegazzjoni da parti ta' l-attur li fil-mument taz-zwieg huwa ma kienx ihobb lill-konvenuta izda kien zzewwigha unikament bl-iskop li jkollu t-tfal sabiex, fi kliemu stess, "Biex nuri li jien ragel" [Fol.49], hija inveritiera u tirrappresenta biss tentattiv fjakk sabiex l-attur jottjeni dak li qed jitlob permezz tal-proceduri odjerna, tenut kont ukoll tal-fatt li l-partijiet kienu ilhom circa hames snin jiffrekwentaw lil xulxin qabel iz-zwieg, kif ukoll tenut kont tal-fatt li ma rrizulta li kien hemm xejn x' jimpedixxi lill-attur li jizzewweg mara ohra li kien ihobb u xorta jilhaq l-istess skop. Ghaldaqstant din il-kawzali ma treggix.

Illi rigward it-tieni kawzali bazata fuq il-kontenut tal-paragrafu [f] ta' l-Artikolu precitat, jinghad li kif osservat din il-Qorti fil-kawza *PA Brigitte Veneziano Broccia vs Avk.Dr.Joseph Sammut noe deciza 9.12.2002,* is-simulazzjoni tiehu l-forma ta' dak li fid-duttrina civili hu deskritt bhala *colorem habens substantiam vero nullam* li b' konsegwenza jirrendi l-kuntratt bhala interament fittizju. Jkun hemm simulazzjoni f' kuntratt taz-zwieg meta fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew it-tnejn, esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali, izda internament u b' att pozittiv tal-volonta' taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg [simulazzjoni totali] jew tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali ghaz-zwieg [simulazzjoni parzjali] *[PA Muscat vs B Grech – 14.08.1995; Alfred Tonna vs Maria Tonna – 31.01.1996]*

In propositu mhijex inopportuna l-osservazzjoni maghmula mill *l-Onorevoli Qorti ta' l-Appell fil-kawza Anthony*

*Azzopardi vs C Azzopardi – 5.11.2005* li hi fis sens li l-kawzali tad-difett serju ta' diskrezzjoni kontemplata fil-para. [d] hija inkompatibbli mal-kawzali tas-simulazzjoni – wahda proprjament teskludi lill-ohra. Ghax "Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju … irid ikun hemm l-inkapacita' psikika jew kostituzzjonali [mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku] li wiehed jaghraf u jirrifletti jew li jiddecidi liberament [jigifieri minghajr impulsi interni li jkunu nehhewlu l-liberta' ta' l-ghazla] fuq l-oggett tal-kunsens matirmonjali" *[PA Alex Tonna vs Anna Tonna 10.09.1997 u PA Samuela Lea Pavia vs A Pavia – 20.05.1996]*

Is-simulazzjoni invece, peress li tirrikjedi l-eskluzjoni b' att posittiv tal-volonta' dirett proprju fir-rigward taz-zwieg innifsu jew element/i essenzjali tal-hajja matrimonjali, tippostula l-kapacita' li wiehed jaghraf u jirrifletti u li jiddecidi liberament, u proprju ghax ikun hemm din il-kapacita' wiehed jaghzel li jaghmel l-eskluzzjoni posittiva fuq rifeC.

Fil-kaz in disamina, la rrizulta li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens il-partijiet, jew wahda minnhom, kellhom difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali, u lanqas irrizulta li dawna, jew parti minnhom, eskludiet b' att posittiv tal-volonta' taghha wahda mid-dmirijiet essenzjali tal-hajja matrimonjali. Il-fatt li dawna damu jghixu flimkien ghal tul ta' zmien, u l-fatt li minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, jkkonfortaw din il-konkluzjoni. Ghaldaqstant lanqas din il-kawzali ma ssib sostenn fil-provi.

In fine hija opportuna l-osservazzjoni li "Iz-zwieg huwa wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-socjeta' u bla dubju ta' xejn huwa ta' ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-akbar rispett, ukoll jekk hija sejra thares lejh mill-punto di vista civili biss." Dan bl-iskop li ma jigix annullat zwieg fuq ix-xewqa tal-parti jew partijiet, izda kif hekk inhu xieraq fuq is-serjeta' u l-bazi tar-rekwiziti legali. Ghalhekk jekk l-ghazla singolari jew kongunta tal-partijiet kienet zbaljata, dan m' ghandux iwassal sal punt li z-zwieg

jisthoqqlu li jkun annullat.  Mod iehor dan il-kuntratt hekk serju, ghax maghmul skond il-ligi u li jikkostitwixxi l-ligi ta' bejniethom [kif hekk jesprimi l-Art.992] jigi stultifikat u rez insinifikanti.  Kapaci wkoll jservi ta' pretest ghal kull min iz-zwieg tieghu ma jirnexxiex biex jannulla kuntratt li jisthoqlu invece jibqa' fis-sehh. *[App.C Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia – 28.07.1987, citata b' approvazzjoni PA[PS] Christine Ellul vs Brian Ellul – 21.10.2002 u PA[PS] Chritine Ellul vs Brian Ellul – 21.10.2002]*

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici mhux gustifikata la fil-fatt u fid-dritt, u ghalhekk ma timmeCx li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tichad it-talba attrici, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------